MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2006

Numru. 393/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JOHN AZZOPARDI bin Emanuel u Giuseppa nee' Tonna, imwieled fl-ghoxrin [20] ta' Marzu, 1955 u residenti 1, Triq Ghajn Mhellel, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 254155M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOHN AZZOPARDI** bin Emanuel u Giuseppa nee' Tonna, imwieled fl-ghoxrin [20] ta' Marzu, 1955 u residenti 1, Triq Ghajn Mhellel, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 254155M, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sitta w ghoxrin

[26] ta' Mejju 2006 ghal habta tat-tlieta u ghoxrin ta' wara nofsinhar (3 :20p.m.) fic-Centru Amministrattiv, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex :-

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u storbju;

2. talli verbalment hedded lis-Social Worker Peter Paul Portelli, persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

3. talli verbalment ingurja lil Support Social Worker Grace Galea, persuna ta' wahda nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni fosthom lis-Support Social Worker Grace Galea, lil Doctor Tatiane Cassar u lis-Social Worker Peter Paul Portelli.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) u 95(1)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress li **l-ewwel [1] akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, tiddikjara li ssib lil imputat JOHN AZZOPARDI hati taghha u tikkundannah ghal hlas ta' amenda ta' hmistax [15] l-lira, filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni [2] w t-tielet [3] akkuza u tilliberah minnhom stante li ma rrizultawx ppruvati.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------